**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2024**

**Rikors nru ; 54 /2024 AGV**

**P maghrufa bhala PL AK**
liema kunjom jinkiteb bhala AQ

v.

**G maghruf bhala J. AK**
liema
kunjom jinkiteb bhala A

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors ta' **P AK** liema kunjom jinkiteb bhala AQ

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Marzu 1982 fil-Kappella Papa Gwanni XXIII gewwa Hal-Far, limiti taz-Zurrieq. IC-certifikat taz-zwieg taghhom, li jgib in-numru 347/1982 huwa anness u mmarkat bhala **dok. R1**

2. Illi minn dan iz-zwieg, twieldu zewgt it-tfal, C, nhar it-23 ta' Novembru 1982 u J li twieled fl-14 ta' Ottubru 1991.

3. Illi l-partijiet gew mifruda definittivament permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet: PA vs J A (Rik. Mah. Nru. 89/2007). Is-sentenza tal-Qorti civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 26 ta' Ottubru 2012 u dik moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn appena imsemmija qeghdin jigu mmarkati bhala **dok. R2** u **dok. R3**.

4. Illi huma ilhom jghixu mifrudin minn xulxin zgur sa mill-2012.

5. Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

6. Illi skont is-sentenza ta' l-Appell, l-intimat gie ordnat li jhallas lill-martu r-rikorrenti s-somma ta' Eur400 fix-xahar rivedibbli kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficcjali tal-Gvern.

7. Illi sal-lum, l-intimat, ghalkemm dejjem hallas lir-rikorrenti l-manteniment minnu dovut skont is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, huwa baqa qatt ma hallas l-gholi tal-hajja fuq dan l-ammont ta' manteniment hekk kif ordnatlu

jaghmel l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Dan l-gholi, sas-sena 2022, jammonta ghal ammont ta' Eur719.52c hekk kif ahjar deskritt fid-dokument **R4**.

8. Illi r-rikorrenti qeghda tirriserva l-posizzjoni taghha li jekk l-intimat jibqa ma jhallasiex ghal dan l-gholi tal-hajja, hija tipprocedi kontrih skont il-ligi.

9. Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici civili.

10. Illi r-rikorrenti trid li tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe BORG.

GHALDAQSTANT ir-rikorrenti umilment titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:

1. TIPPRONUNZJA l-hall taz-zwieg tal-partijiet.

2. TORDNA li kunjom r-rikorrenti jigi mreggha lura ghal dak ta' xbubitha u cioe B

3. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien prefiss ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta tal-konvenut datat 26 ta' April 2024;**

a. Illi l-esponent mhux qed jopponi ghal hall taz-zwieg li kien ccellebrat fl- 14 ta' Marzu 1982 , fil-Kappella Papa Gwanni XXIII go Hal- Far, limiti taz-Zurrieq,
b. Illi l-partijiet kienu gew legalment separati b' sentenza tal-Qorti tal-Appell ,tal- 31 ta' Jannar 2014 fl-kawza fl-ismijiet ***'PA vs JA '***, rikors guramentat numru 89/ 2007 JA u inoltre kienu ilhom qabel l-imsemmija sentenza, seperati de facto, ghal numru ta' snin ohra.
c. Illi l-esponenti dejjem hallas lil ex- mara tieghu , l-attrici, manteniment ta' 400 Euro fix-xahar kif ordnatlu l-Qorti tal-Appell, u l-attrici qatt ma talbitu jhallas xi awmenti skont l-indici tal-gholi tal-hajja.
d. Il-partijiet jissodisfaw dak rikjst mill-ligi ghal ottjeniment tal-hall taz-zwieg taghhom
e. Illi jkun ahjar li l-attrici tirrverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' 'B '.
f. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 14 ta' Marzu 1982.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tawtorizza  lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' 'B'

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**